**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2001

**Numru 3**

**Avviz. numru 23/01JR**

**Allied Insurance Agency Ltd.**

**vs**

**Noel Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija sebgha u tmenin centezmu (Lm126.87), ammont li l-konvenut, assigurat mas-socjeta` attrici, naqas li jhallas, bilanc dovut ghall-premia fuq poloz t'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.**

**Billi nonostante debitament interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' nadempjenti. Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Camilleri, Financial Controller tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija, sebgha u tmenin centezmu (Lm126.87), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Settembru, 2000, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**